MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2006

Avviz Numru. 219/2005

**Vincent Cuschieri Limited**

**vs**

**Mohammed Fitouri**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elf, sitt mija u tmien Liri Maltin u sitta u ghoxrin centezmu, (LM1,608.26,0), rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha mis-socjeta' attrici lill-konvenut Mohammed Fitouri u dan fuq struzzjonijiet tieghu stess;**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra legali datata il-15 ta' Marzu tas-sena 2005 u bl-imghaxijiet legali mid-data**

**tal-fattura relattiva, kontra l-konvenut Mohammed Fitouri li jibqa' ngunt ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fis-17 ta' Mejju tas-sena 2006 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut Mohammed Fitouri.**

**Marisa Borg**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------